# DAĦLA

Il-preġju artistiku tal-wirja li l-Każin Banda San Filep itella' matul il-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira llum huwa magħruf sewwa mal-ħafna Maltin u barranin li jżuruha sena wara l-oħra.

Il-Kumitat Organizzattiv fi ħdan l-istess każin ħaqqu prosit tal-fiduċja li wera fil-poplu meta investa eluf ta' liri biex tella' wirja kbira mhux biss fid-daqs iżda anke fil-kwalità. Huwa ta' inkoraġġiment kbir li tara li l-poplu għaraf japprezza u jappoġġja din il-wirja. Din is-sena saru żewġ persunaġġi ġodda: iċ-ċenturjun u Maria ta' Kleofa fix-xena tal-Golgota.

Kull min ħadem biex din il-wirja saret dik li hi llum ma jistax jonqos li jkun sodisfatt bi kbir. X'qabża kbira 'l quddiem saret mill-wirja ta' stampi differenti tal-kurċifiss maqtugħin minn rivisti u mwaħħlin ma' kartelluni, li kienet saret fl-istess każin fl-1981!

Din is-sena min iżur il-wirja se jkun jista' jammira wkoll ix-xogħol sabiħ u fin ta' lavur fil-ġebla li qed isir fuq disinn ta' Vincent Centorrino (espert f'dan il-qasam) fil-proġett tat-taraġ ġdid majestuż li x-xogħol fuqu qed javvanza sewwa taħt il-ħarsien tal-perit bravu u ħabrieki Mario Balzan. Dan ifisser li din is-sena għalkemm forsi b'xi inkonvenjent żgħir, min jasal sal-wirja se jkollu aktar mis-soltu x'jara.

**Philip Balzan**
*Segretarju*

**Is-SOĊJETÀ MUŻIKALI**
**KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D. 1851**

***tixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.***

MID MED COLOUR



L-Ambaxxatur Franċiż M. Patrick Amiot jiftaħ l-ewwel parti tal-wirja 1998 – iċ-Ċenaklu



M. Patrick Amiot jinawgura l-parti l-ġdida tal-wirja – il-Golgota – nhar l-1 ta' April 1998.



Ċenturjun u suldat rumani jagħtu aspett aktar awtentiku lid-daħla tal-wirja tal-Golgota fil-Każin San Filep.

# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

***Our range of products include:***

**Showroom Facades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building",**
**Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 461078 / 465110**
**Fax: 465798**

# IT-TQASSIM TAL-WIRJA GRANDJUŻA TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

## FIL-KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D. 1851

### Sala 1: IÇ-ÇENAKLU

Rappreżentat b'sett ta' tlettax-il statwa kbira *(life size)* u artistika, xogħol l-istatwarju magħruf ALFRED CAMILLERI CAUCHI flimkien mal-kontribut mhux żgħir ta' bosta membri tal-każin. Ta' min jgħid li l-ikel li jidher fuq il-mejda quddiem l-appostli jkun imsajjar frisk kull sena skond riċetti Lhud.

### Sala 2: IL-VIA CRUCIS

Sett ta' vari żgħar tas-Sur Joe Sammut, li juru l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù kif aħna mdorrijin narawhom fil-knisja u fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-sett jinkludi Sepulkru mmudellat fuq dak ta' l-Imdina, kif ukoll Via Sagra, bandalori u ornamenti oħra li fiċ-ċokon tagħhom iġegħluk tiggustahom.

### Sala 3: KRUÇIFISSJONI

Xogħol ġdid grandjuż ta' ALFRED CAMILLERI CAUCHI li ħoloq ix-xena tal-GOLGOTA fuq skala kbira u realistika li żgur tagħmel din il-wirja unika f'Malta. Fiha għaxar persunaġġi, tlett islaleb kbar u xenarju spettakulari.

*Il-parti l-kbira tax-xogħol sar minn membri bieżla u ġenerużi tal-każin li taħt id-direzzjoni ta' l-artist Alfred Camilleri Cauchi għamlu monument ieħor li jixhed il-ħila tagħhom.*



Iċ-ċenaklu tal-Wirja fil-Każin San Filep.



Ix-xena grandjuża tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota - Każin San Filep.

# Kelmtejn tal-Kumitat Organizzattiv

Għaddiet sena oħra u qegħdin mill-ġdid fi żmien ir-Randan bi preparazzjoni għall-Ġimgħa l-Kbira. Huma jiem għeżież ħafna għalina lkoll. Hu żmien ukoll ta' riflessjoni iktar minn żmien ieħor tas-sena.

U biex f'dan ir-rigward, is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep tagħti daqqa t'id qiegħda mill-ġdid toffrielna din il-Wirja Artistika li kull min jiġi jaraha, barra li għandu jagħraf ix-xogħol artistiku li bih ġiet mibnija, iħares lejha minn lenti ta' devozzjoni lejn il-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

Tul il-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa tas-sena l-oħra, din il-Wirja kellha suċċess kbir wara li żdiedet fiha t-tielet sala bix-xena spettakolari tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota. Eluf kbar ta' nies żaruha ġewwa l-Każin San Filep u ħarġu sodisfatti ħafna. Dan hu ċertifikat mill-aqwa għall-istess Soċjetà Mużikali.

U hawn imur il-ħsieb lejn wirja umli li nhar il-Ġimgħa l-Kbira 17 ta' April 1981 ittellgħet ġewwa l-Każin San Filep. Din kienet tikkonsisti f'*cuttings* minn rivisti ta' figuri differenti ta' Kristu Msallab li ġew imwaħħlin fuq boards miżbugħin bojod. Dak inhar il-messaġġ kien l-istess bħal tal-lum iżda f'wirja ċkejkna. Id-dawl tal-musbieħ ta' dak inhar illum sar dawl imħeġġeġ, frott ta' ħidma kontinwa mill-Kumitat Organizzattiv fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep.

Filwaqt li s-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep tirringrazzja lil kull min qiegħed iżur il-Każin biex jara din il-wirja, tirrikmandalu li jieħu lura miegħu xi tagħlima.

Ringrazzjament ieħor imur lil kull min qiegħed jgħin lis-Soċjetà Mużikali tagħna biex tittella' din il-wirja hekk artistika.

bov

# Rabta Devozzjonali

*Kitba ta' Dr Godfrey Farrugia M.D.*

Id-dulur imġarrab minn Ommna Marija meta Sidna Ġesù Kristu fdiena bil-passjoni u l-mewt Tiegħu tant hu kbir, li l-bibbja stess tgħidilna "Għax kbira l-ġerħa daqs il-baħar, kif nista' nfarrġek jew infejqek." (Lam 2,13). Iżda naħseb li daqstant ieħor hija kbira d-devozzjoni li l-poplu Malti u Għawdxi għandu lejn id-Duluri.

Qabel xejn ta' min isemmi li t-titoli Marjani, id-Duluri u l-Addolorata jirreferu għall-istess twemmin liturġiku, u kull xbieha artistika turi lill-Madonna mnikkta taħt is-salib wara li jkunu ħadu lil Kristu fil-qabar Tiegħu. Id-Depożizzjoni jew il-Pietà huma titoli li jirreferu kważi għal dan l-istess misteru, iżda f'dan l-istazzjon tal-Via Sagra x-xbieha tal-Madonna qiegħda żżomm f'ħoġorha l-ġisem mejjet ta' binha Ġesù wara li tniżżel mis-Salib. Il-popolarità ta' dawn it-titoli kibret wara x-xogħol artistiku ferm magħruf ta' Michelangelo, li jinsab fil-Belt tal-Vatikan.

F'Malta u Għawdex insibu dsatax-il vara tad-Duluri li jiffurmaw parti mis-settijiet tal-passjoni u tlieta biss tal-Pietà. Il-vara tad-Duluri toħroġ l-aħħar waħda fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u hi vara li għandha rabtiet tradizzjonali, tant li f'ċertu lokalitajiet hi l-vara li wasslet għall-bidu tal-purċissjoni tal-lokal.

Il-vara tad-Duluri ta' Ħaż-Żebbuġ hi ewlenija f'Malta u dan għax tirrappreżenta tliet figuri - il-Madonna, San Ġwann Evanġelista li qed ifarraġha u puttu li qed iżomm is-simboli tal-passjoni. Fl-isfond tagħhom hemm salib

*(ikompli f'paġna 11)*

**Mayfair Hall**

**Każin tal-Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ**

*Għal kull okkażjoni privata tiegħek, bħal Magħmudija, Preċett, Griżma, eċċ*

Prezzijiet Moderati

Tel: 463003

# *JIMMY VELLA LTD*

BUILDING CONTRACTOR



ROCK CUTTING
&
EXCAVATION

MACHINERY FOR HIRE

***VELLA OFFICE, ALLEY 6,***
***N/S IN MAIN STREET, MOSTA.***
***TEL: 412701 MOB: 099 2079***
***FAX: 433555***

kbir wieqaf li għandu liżar imdendel miegħu u sellum imserraħ fuq in-naħa tax-xellug tas-salib. L-oriġini ta' din il-vara jmorru lura għas-sena 1824 meta l-prokuratur tal-Via Sagra, Dun Gio Battista Attard kien ħabrek biex jiġu ordnati sett ta' vari ġodda biex ikabbar il-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn kienu tlestew fis-sena 1826 u l-Arċisqof Malti kien żejjinhom bl-indulġenzi. L-artist kien Antonio Mifsud imlaqqam in-Najċi, mill-Mosta u l-inkarigat artistiku kien it-tabib Gavin Portelli. Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin din il-vara ġiet modifikata u mpittra mill-ġdid minn Ġużeppi Caruana ta' Bormla, filwaqt li s-salib oriġinali tagħha li kien ta' l-ebbanu nbidel f'wieħed maħdum mill-kewba minħabba t-toqol tiegħu.



*L-istatwa tad-Duluri li toħroġ fil-festa li tiġi ċċelebrata f'Settembru f'Ħaż-Żebbuġ.*

Din il-vara llum il-ġurnata toħroġ proċessjonalment darbtejn waqt ir-Randan, nhar il-Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm u fil-Ġimgħa l-Kbira. Ta' min jgħid li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-bidu tagħha ma kinitx issir kif nafu llum. F'nofs is-seklu 19, il-purċissjoni kienet toħroġ il-Ġimgħa tard bil-lejl bil-vari tad-Duluri, ta' Kristu Mejjet, jiġifieri l-Monument, mill-Knisja Arċipretali sal-Knisja tal-Grazzja, fejn wara kienet issir ċerimonja żgħira li tissimbolizza d-dfin ta' Kristu. Il-festa titulari ta' nhar id-Duluri bdiet tiġi ċċelebrata għall-ewwel darba fl-1772 iżda d-devozzjoni popolari lejn id-Duluri ilha teżisti mill-inqas mis-sena 1722, meta Dr Baldassare Debono kien beda jibni l-Bażilika tad-Duluri (1725), ġawhra arkitettonika li għadna ngawdu sal-ġurnata tal-lum.

Il-vara tal-Ġimgħa l-Kbira mhix l-unika statwa tad-Duluri li tipposjedi l-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Barra minhekk il-fratellanza tad-Duluri li ġiet imwaqqfa b'digriet nhar il-11 ta' Ġunju 1866 minn Mons. Arċisqof Gaetano Pace Forno għandha l-vara tagħha wkoll li kienet inġabret minn Lecce fis-sena 1904. F'dawk iż-żminijiet imsieħba ta' din il-fratellanza kienu ħaddiema tal-faħam li jaħdmu l-Port il-Kbir iżda ċertu Gian Battista Debono

*(ikompli f'paġna 15)*



**MALLIA BROS. LTD**

**TA' MARIROS**

- QOMOS
- T-SHIRTS
- ŻRABEN
- SAQQIJIET

- SHORTS
- JEANS
- SANDALS
- ILBIESI

**34, ST ANTHONY STREET**
**ŻEBBUĠ. TEL: 467464**

# THE LOCAL

## *CONFECTIONERY*

***For:***
**Wide Selection of Wines and Spirits,**
**Cream Cakes, Chocolate & Biscuits Boxes,**
**Sweets, Ice-Creams & Gateaux**

Paris Street, Żebbuġ, Malta • Tel: 463559



JOLLY
COMPONIBILI
2

FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALLUNITS - SETEES
FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS

Mdina Road, Żebbuġ - Malta

**Tel/Fax: +356 466154**

SCERRI'S

*Restaurant 'n' Coffee Bar*



Triq Għawdex
Qawra, Malta

Tel: 585032
Gsm 0949 7442

RONNIE SCERRI

*New & Second Hand*
*Bakery & Catering Equipment*

Triq iż-Żinżel, Qormi
Tel: 449901, Fax: 581124, Mob: 0949 7442

minn Ta' Mais kien ilu jħabrek biex titwaqqaf din minn wara l-pesta tas-sena 1813. Din il-vara li tinsab fin-niċċa fejn il-bieb tal-ġenb fuq in-naħa tal-lemin tal-Knisja Arċipretali tinħareġ f'purċissjoni li waqtha jingħad ir-rużarju nhar it-tieni Ħadd ta' Settembru. Sal-ġurnata tal-lum f'dik il-ġimgħa għadha tiġi ċċelebrata festa liturġika b'quddies kantat, solenni jew bil-panegierku u wara l-funzjonijiet tas-Sibt u l-Ħadd issir il-professjoni tal-fratelli u sorelli ġodda. Waqt dawn il-ġranet jintrama l-kappellun ta' l-erwieħ.



*Il-kwadru titular ta' Depożizzjoni li jinsab fil-kappella tad-Duluri, f'Ħaż-Żebbuġ.*

U la qed insemmi l-altar ta' l-Erwieħ u l-fratellanza ta' l-Agunija ta' min niftakru li x-xogħol fuq dawn l-abside beda fl-1736 u spiċċa fl-1741. Din il-prospettiva li għadha dik oriġinali hi meqjusa bħala waħda mill-isbaħ li nsibu f'Malta u hi skolpita bi stil barokk. Dan l-altar hu mżejjen b'erbatax-il kwadrett li jirrappreżentaw episodji diversi mill-passjoni u l-mewt ta' Kristu u taħt il-kwadru titulari ta' l-erwieħ hemm ix-xbieha meqjuma ta' Marija Addolorata, bi kwadri laterali kbar ta' San Ġwann Evanġelista u San Franġisk de Paole.

L-interessanti hu r-rabta devozzjonali li teżisti f'Ħaż-Żebbuġ bejn id-Duluri u San Ġwann Evanġelista. Fl-imgħoddi kienet teżisti l-Fratellanza ta' dan il-

*(ikompli f'paġna 19)*


# Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17, N/S Off Mdina Road, Żebbuġ, Malta
Tel: 466615

# FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals,
sport shoes minn ditti renomati, basktijiet ta'
l-iskola, handbags u kartieri

*Sciortino Street, Żebbuġ*

# FOOTWEAR

***Tel: 465915***



## St Philip's Bar & Restaurant

# Pizzeria

*We also do pizza for delivery service*

**Sciortino Street, Żebbuġ**
**Tel: 466472**

smw cortis

**When your world is upside down...**

# ELMO



**gets you back on your feet!**

**IT IS SO EASY TO GET A BETTER DEAL**

CONTACT US ON 345020 FOR A
QUOTATION… YOU WILL BE SURPRISED!

**FOR YOUR CONVENIENCE,
YOU MAY CONTACT OUR
ŻEBBUĠ BRANCH
TEL: 462012/461998**

Elmo Insurance Services Limited
Abate Rigord Street Ta' Xbiex MSD 12, Malta

*Agents for:*

SUN ALLIANCE

G ING

O C nt ct

1 ,M nStr t-Z u Z G 3

M n-Fr 1 .3 -2 .3
S t . -13.
T l 35 / 5 2 F x 3

qaddis Appostlu u fuq l-altar ta' din il-fratellanza kienet tiġi meqjuma d-Duluri. Wara kollox l-iskrittura tgħid: "Mela kif Ġesù lemaħ lil Ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara dan hu ibnek", imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hemm hi ommok" (Ġw19, 26-27). Barra li fuq dan l-altar insibu dawn iż-żewġ kwadri qaddisa, hemm ukoll statwa kbira ta' San Ġwann l-Evanġelista f'niċċa fuq in-naħa tal-lemin. Iżda bla dubju l-akbar xhieda ta' din id-devozzjoni f'Ħaż-Żebbuġ hi l-vara tal-Ġimgħa l-Kbira. Ta' min jgħid li kien propju b'din il-vara li għall-ewwel darba f'Malta tpoġġiet ix-xbieha ta' San Ġwann l-Evanġelista flimkien ma' dik ta' Marija Santissima. Vari oħra Maltin anke eqdem minnha għandhom anġlu u mhux ix-xbieha ta' dan l-Appostlu u jekk għandhom ix-xbieha ta' San Ġwann din żdiedet minflok l-anġlu wara, bħal per eżempju dik ta' Bormla. Barra minhekk l-arkivju tal-Knisja Arċipretali jixhed li l-ewwel vari (1742) xogħol tal-kartapesta minn Saverio Laferla kienu jinkludu lid-Duluri u lil San Ġwann Evanġelista barra statwi oħra tal-Veronika u San Vincenz de Paule u dan ikompli jagħti prova ta' din ir-rabta devozzjonali f'Ħaż-Żebbuġ.

Iva, ta' min jgħid li kliem Kristu fuq is-Salib, tul il-medda tas-snin baqa' jinżamm dejjem ħaj b'devozzjoni popolari fil-Belt ta' Rohan. ■


# HORIZON 2000

*Computer Systems*

*VJAL IL-ĦELSIEN*
*ŻEBBUĠ ZBG 03*
*MALTA.*

*Tel: 462236*
*Fax: 462236*
*Mobile: 0947 5494*

**The services offered:**

- Pentium Computer Systems
- Computer Upgrades
- Computer Software
- Computer Accessories
- Computer Customer Support
- Computer Academic Courses
- Photocopy Services
- Repair Services on all systems
- Printing of Documents & Thesis
- Book Binding (Hard & Soft)

**THE CATHEDRAL GROUP**

**Appointments for Eye Examination**

G'Mangia - 226020
Fgura - 673332
Żebbuġ - 465768
Rabat - 453213
San Ġwann - 377157
Naxxar - 431152
Valletta - 243198

WOULD YOU RATHER SEE OR BE SEEN



**MALTA'S BEST OPTICIANS FOR CORRECTIVE EYEWEAR**

**NOW OFFER 10% - 30% OFF ON FRAMES**

**ONE HOUR SERVICE**

Main Office: Gardjola Gate, Mimosa Street, (St Luke's Road), G'Mangia MSD 09



# CARDONA ENGINEERING WORKS

Manufacturer of Flanges, Shafts, Skimming of Bush Bearings & Aluminium Welding etc.

*Joseph Cardona*

134, Għar-Ram Street, Żebbuġ ŻBĠ06
*Tel:* Garage 462014 Home 466551

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel,*
*& General*
*Building Material*
*Stockholders*

**Żebbug Road, Attard - Malta**
**Tel: 418029**

# *Programm*

## tal-Ftuħ tal-Wirjiet Annwali
## tal-Ġimgħa l-Kbira
## fil-Każin Banda San Filep A.D. 1851
## nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 1999
## fil-17.30pm

*Programm Mużikali*

**mill-Banda taż-Żgħażagħ**
**tal-Każin San Filep**

*Diskors ta' l-okkażjoni mill-President tal-Każin*

**Dr John Attard Montalto B.A.(Hons.) LL.D., M.P.**

*Ftuħ uffiċjali tal-Wirjiet*
*mid-Direttur Spiritwali tal-Każin*

**W.R. Dun Karm Gatt**

*Tberik mill-W.R. Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ*

**Dun Charles Attard**

*Jippreżenta l-Programm*

**is-Sur Joseph Schembri**

**ĦINIJET TAL-FTUĦ TAL-WIRJIET**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 25 sa l-Erbgħa 31 ta' Marzu | 09.00 - 12.00 | 17.30 - 21.00 |
| Il-Ħamis 1 ta' April | 09.00 - 12.00 | 17.30 - 23.00 |
| Il-Ġimgħa 2 ta' April | 09.00 - 12.00 | 15.00 - 22.00 |

# *Programm*

## MUŻIKALI U VOKALI

li se jiġ i esegwit fi Triq Sciortino Ħaż-Żebbuġ,
**mill-Bandisti Żgħażagħ tal-BANDA SAN FILEP**
**bħala parti miċ-ċerimonja tal-ftuħ**
**tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira**
**fil-Każin Banda San Filep**
**nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 1999 fis-18.30**

| | | |
|---|---|---|
| Aria | **AVE MARIA** | Bach-Gounod |
| Adagio Cantabile | **SONATA PATHETIQUE** | L. Van Beethoven |
| Marcia Funebre | **CIPRESSO** | Angelo Melilli |
| Intermezz | **AGNUS DEI** | George Bizet |
| Motett | **AVE VERUM** | Mozart |
| Intermezz | **CONQUEST OF PARADISE** | Vangelis |

Jidderieġi l-banda
Mro. **Michael Ciantar** A.(Mus.) LCM
u jieħu sehem ukoll
l-Assistent Surmast **Joe Gatt**
u l-kor tas-Soċjetà **Chorus Filippus**
immexxi minn **John Ciantar**

***Nhar il-Ġimgħa 2 ta' April 1999***
***il-Banda San Filep takkumpanja l-Purċissjoni***
***tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep.***

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Jannar 1999
il-**BANDA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**
fi ħdan il-**BANDA SAN FILEP** A.D. 1851
taħt it-tmexxija ta'
Mro. Michael Ciantar A.(Mus)LCM
reġgħet ħadet sehem b'suċċess
fil-**KONKORS MUŻIĊISTI ŻGĦAŻAGĦ 1999**
imniedi mill-
**GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA**
fuq bażi nazzjonali.

*Il-Banda taż-Żgħażagħ esegwiet dawn il-melodiji:*

| | | |
|---|---|---|
| Overture | **IL BARBIERE DI SIVIGLIA** | G. Rossini |
| Song | **OVER THE RAINBOW**<br>(Trumpet solo: Claudio Ciantar) | Arr. M. Ciantar |
| Theme | **TITANIC** | J. Horner |
| Medley | **MOMENT FOR MORRICONE** | E. Morricone |
| Polka | **TRITSCH - TRATSCH** | J. Strauss Jr. |
| Selection | **THE SOUND OF MUSIC** | R. Rogers |

**Il-Banda ingħatat plakka ta' mertu mill-Għaqda Każini tal-Banda bħala tifkira ta' din l-okkażjoni.**


# Refined Aluminium

***Għal kull xogħol ta' Aluminium bi prezzijiet tajbin***

*Irrikorru:* **MARIO BONNICI**
Mdina Road, Żebbuġ • Tel: 465170 - 099 7740

# *Ftit Noti mill-Istorja tal-*

# KAŻIN BANDA SAN FILEP

Is-Soċjetà Mużikali San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ ilha tiffunzjona kontinwament almenu mill-1851 – meta skond dokument uffiċjali din is-soċjetà rċeviet ħlas għal servizz tal-banda tagħha. Matul dan iż-żmien hija kellha sbatax-il Surmast tal-Banda u għoxrin President. Hawn taħt qed inġibu l-ismijiet ta' dawn l-uffiċjali u ż-żmien li damu fil-kariga:

## PRESIDENTI

| | |
|---|---|
| Filippo Galea | 1851 - 1856 |
| Michele Borg | 1856 - 1865 |
| Antonio Pisani | 1865 - 1871 |
| Gaetano Mallia | 1871 - 1873 |
| Gaetano Attard | 1873 - 1874 |
| Michelangelo Debono | 1874 - 1876 |
| Gavino Naudi | 1876 - 1895 |
| Carmelo Zammit | 1895 - 1900 |
| Angelo Chircop | 1900 - 1908 |
| Carmelo Zammit | 1908 - 1911 |
| Giuseppe Cilia | 1911 - 1922 |
| Pietro Paolo Galea | 1922 - 1929 |
| Profs. Philip Farrugia | 1929 - 1931 |
| Rev. Alexander Zammit | 1931 - 1939 |
| Rev. Loreto Callus | 1939 - 1944 |
| Philip Farrugia B.Sc.,MD,FRIC | 1944 - 1950 |
| Oliver Gulia B.A., LL.D. | 1951 - 1958 |
| Joseph Borg LL.D. | 1958 - 1969 |
| David Farrugia | 1970 - 1980 |
| John Attard Montalto B.A., LL.D. | 1980 - |

## SURMASTRIJIET

| | |
|---|---|
| Filippo Galea | 1851 - 1860 |
| Andrea Borg | 1860 - 1868 |
| Giuseppe Borg | 1868 - 1879 |
| Gioacchino Galea | 1879 - 1893 |
| Salvatore Mallia | 1893 - 1899 |
| Alessandro Agius | 1899 - 1903 |
| Spiridione Zammit | 1903 |
| Salvatore Mallia | 1903 - 1904 |
| Angel Mellilli | 1904 - 1911 |
| Alfred Hare | 1911 - 1916 |
| Carmelo Camilleri | 1916 - 1918 |
| Michele Gatt | 1918 - 1919 |
| Orlando Crescimanno | 1919 - 1921 |
| Salvatore Mallia | 1921 |
| Adeodato Gatt | 1921 - 1962 |
| Philip Gatt | 1962 - 1986 |
| Michael Ciantar | 1986 - |

# *De Rohan Flora*

Sciortino Street, Żebbuġ • Tel: 461816

*Flower Arrangements, Fresh & Artificial Flowers & Plants,*
*Invitations, Souvenirs*
*& all accessories for all occasions.*

| | | |
|---|---|---|
| *Opening Hours:* Mon - Fri | 8.00 to 12.00 pm | |
| | 4.00 to 7.30 pm | |
| Saturday | 8.00 to 2.00 pm | |

A E P

# LAWRENCE





Air Conditioning
Sales, Repairs & Servicing,
Electrical & Plumbing



Tel: 445383
Mob: 099 8568

UNISEX BOUTIQUE
SPORTS WEAR

Sciortino Street, Żebbuġ
Tel: 466244 • Fax: 460561



**KINGBABY**

*Baby wear, Underwear,*
*Stationery, Photocopy,*
*Haberdashery, etc.*

1/2 Grace Street, Żebbuġ ZBG 04 Tel/Fax: 468819

attrans

FROM LAST YEAR

# Il-Palestina fi Żmien Kristu

*minn Philip Agius*

Meta niġu biex niktbu xi ħaġa dwar il-Palestina għal żmien Kristu, irridu mmorru iktar 'il bogħod, ta' l-inqas seba' u tletin sena qabel it-twelid ta' Ġesù, meta sar sultan tal-Palestina kollha, Erodi bin Antipater.

F'dan iż-żmien il-Palestina kienet renju żgħir imsejjaħ Stat Ruman. Il-mexxej tagħha kien Erodi li ngħata t-titlu ta' Re mir-Rumani. Kien imsejjaħ bħala Erodi l-Kbir, minħabba s-suċċess li kiseb matul iż-żmien tar-renju tiegħu. Hu kien li ħeġġeġ lill-poplu għas-snajja u l-kultivazzjoni ta' l-art. Barra minn hekk hu kien bennej tajjeb u fi żmienu ġew mibnija toroq, fortizzi, portijiet u palazzi. Iżda fl-istess ħin kien meqjus bħala bniedem mill-agħar, tant li l-aħjar Lhud kienu jobogħduh. Tul ir-renju tiegħu kellu grupp ta' nies magħrufin bħala 'Erodjani' li kienu jżommu mal-familja ta' Erodi u kienu mxaqilba sewwa lejn ir-Rumani u għalhekk il-Fariżej ma kinux jaħmluhom. Erodi pprova jinħabb mal-Lhud billi fl-għoxrin sena qabel Kristu beda x-xogħol fuq il-bini mill-ġdid tat-Tempju ta' Ġerusalem.

Erodi qatt ma kien Re indipendenti. Hu qatt ma kellu l-permess li jżomm armata. Hu qatt ma seta' jagħmel xi ħaġa li tmur kontra x-xewqat tar-Rumani u l-Imperaturi tagħhom. Anzi biex iżomm relazzjonijiet dejjem tajba magħhom, mhux dejjem ħadem bis-sewwa mal-poplu Lhudi.

Meta Erodi miet fir-raba' sena qabel Kristu, tlieta minn uliedu Arkelaws, Antipa u Filippu wirtu r-renju tiegħu fejn ġie maqsum bejniethom.

Arkilaws, li kien it-tifel il-kbir kien ħa l-Ġudija bil-Lhudija (il-Palestina tan-nofsinhar bid-deżert tal-Lhudija li kien post diżabitat li għandu 'l Ġerusalem fit-tramuntana, lil Hebron fin-nofsinhar u l-Baħar il-Mejjet fil-Lvant. L-Idumija li tiġi n-naħa tan-nofsinhar tal-Lhudija u s-Sammarija kienet provinċja tal-Palestina ċentrali li tinsab bejn il-Galilija u l-Lhudija.

Meta Arkilaws spiċċa mit-tmexxija tiegħu ta' dawn il-postijiet fis-sitt sena wara Kristu, dawn l-inħawi saru provinċja Rumana li kienet tiġi ggovernata minn Gvernatur li kien jgħammar qrib il-

*(ikompli f'paġna 31)*

MARESCO
SAME AS LAST YEAR

kosta ta' Ċisarija. Ir-Rumani waqqfu riġment ta' suldati li kienu stazzjonati fil-fortizza biswit it-Tempju ta' Ġerusalem u l-Lhud li kienu jżuru l-post kienu jiġu obligati jħallsu t-taxxi lil Ruma.

Antipa messu l-Galilija u l-Perea. Dawn huma żewġ distretti mifruda minn xulxin. Il-Galilija hu d-distrett li jiġi lejn in-naħa tat-tramuntana tal-Palestina. Il-Galilija kienet l-iktar post li jħaddar u l-isbaħ parti mill-Palestina kollha. Hawnhekk wieħed isib lil Nazzaret u 'l Kafarnahum, belt importanti fuq ix-xtut tat-tramuntana ta' l-għadira tal-Galilija.

Perea, li tmiss mal-Ġudija, Dekapoli u l-Baħar il-Mejjet, laqgħet lil Ġesù għall-magħmudija tiegħu. Kien hawnhekk ukoll li Antipa għalaq lil Ġwanni fil-fortizza ta' Makeronti fil-lvant tal-Baħar il-Mejjet.

Filippu, it-tielet tifel werrej kien sar tetrarka ta' l-Iturija u t-Trakonija, fejn hu mexxa ħafna 'l quddiem l-ibliet tiegħu. Betsajda, belt fuq in-naħa tat-tramuntana ta' l-Għadira tal-Galilija u Ċesarija ta' Filippu, minnu ġiet magħrufa hekk. Din il-belt illum insibuha Banijas, tiġi madwar ħamsa u għoxrin mil lejn it-tramuntana ta' l-Għadira tal-Galilija. Filippu tul il-ħakma tiegħu ta' dawn l-inħawi bena mill-ġdid lil din il-belt, u semmiha għall-Imperatur Ruman (Julia) u għalih innifsu. Kienu jgħidulha ta' Filippu biex jagħżluha minn Ċesarija oħra li Erodi, missieru, kien bena fuq xatt il-Mediterran.

Imbagħad wieħed kien isib ukoll distrett ieħor, Dekapoli. Dan kien iffurmat minn grupp ta' għaxart ibliet fix-xlokk ta' l-Għadira tal-Galilija li dawn kienu jiggvernaw lilhom infushom u lil nieshom. Kienu pagani b'xi ftit familji Lhud jgħammru fosthom.

Għalkemm din l-art kienet meqjusa bħala art żgħira fi żmien Kristu kienet separata bejn erba' gvernijiet u ħames distretti: il-Provinċja Rumana bil-Gvernatur tagħha, il-Ġudija u s-Sammarija żewġ territorji ta' Arkilaws, il-Galilija u l-Perea mmexxija minn Antipa, il-Provinċja ta' Filippu u d-Distrett ta' Decapoli.

**Il-Vanġelu jurina li fi żmien jew ieħor Kristu ma' l-Appostli żar xi wieħed mill-postijiet imsemmija u hemm ippriedka u għamel xi miraklu.**

Dan ifisser li meta Ġesù u l-Appostli kienu jagħmlu xi vjaġġ fit-tul kien ikollhom jaqsmu xi fruntieri fejn kien ikun hemm il-gwardji uffiċjali biex jiġbru t-taxxi skond il-liġijiet u r-regolamenti ta' dawn it-territorji.

Wieħed jinnota wkoll li anki l-lingwi u l-użanzi kienu differenti minn post għall-ieħor. ■

BAKERY

# Maypole

LTD

*Carmel Debono*

14, St Joseph Street, Qormi.

1, Victory Street, Qormi.

Tel 488992 • Fax: 442778

**FANCY BREAD**



# TAL-PATRI

## DISCOUNT STORE

Prop. P. & A. Agius

*Għall-orħos u l-aqwa kwalità*

*Free Delivery*

Triq Mons. Milanesi, Żebbuġ

Tel. Shop: 466176 • Tel. Store: 460940

*(kantuniera ma' Triq l-Isqof Caruana, ħdejn l-iskola - taħt is-sala tal-Każin 12th May*

**ĦINIJIET TAL-FTUĦ:**

mit-Tnejn sal-Ġimgħa 6.00am - 12.00pm u 4.00pm - 7.00pm

Is-Sibt 6.00am - 1.00pm

# FUNERAL SERVICE

## TWANNY SPITERI

81, 'Shalom', Triq il-Watar, Ûebbu©
Tel> 460950 (day & night)
Mobile> 097 1168

## LAURENCE PSAILA

286, Triq il-Kbira, Ûebbu©
Tel> 464467


## Cassette ta' Marċi Funebri rrekordjat mill-Banda San Filep u li jinsab għall-bejgħ mill-Każin

| VOL I | | VOL II | |
|---|---|---|---|
| Maestro Ricordo | Angelo Melilli | A Mie Cari Genitori | A. Calleja |
| Il Cipresso | Angelo Melilli | Mesto Ricordo | P. Giannini |
| Venerdi Santo | Micallef | A Mio Padre | Rossi |
| Aria | F. Chopin | A Diletto Padre Mio | Ph. Attard |
| Aria | L.V. Beethoven | Riposo Eterno | M. Ciantar |
| Mater Dolorosa | Hendrin | Mesto Ricordo | A. Melilli |
| Omm Imnikkta | Imelda Tanti | Cordoglio | A. Meruzzi |
| In Memory of Rev. L. Callus | Michael Ciantar | Il Cipresso | A. Melilli |
| A Mia Figlia | Bartolucci | He is No More | K. Coleiro |
| | Mro M. Ciantar | A Mio Figlio | Bartolucci |
| | | | Mro M. Ciantar |

DAY TRIP GĦAL RUMA
Il-Ħadd 2 ta' Mejju 1999
fl-OKKAŻJONI
tal-BEATIFIKAZZJONI
ta' **PADRE PIO**
organizzat minn



***MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD***
31, Spencer Hill, Marsa HMR 12, Malta
**Tel: (+356) 225706 / 236310 / 270340**
**Fax: (+356) 225706**



# TA' XMUN

**Hardware and Home Improvements**

***A Personalised & Friendly Service is assured***

*Happy Easter*

Ta' Xmun Ltd.,
N/B Sciortion Street
Żebbuġ ZBG 03, Malta

Tel: 466548
Fax: 466548

Il-Bord Editorjali jfakkar lil…

# DUN ANTON GALEA

## (1902-1974) – 25 Sena minn Mewtu

- *Saċerdot iddedikat b'ruħu u ġismu għall-Knisja;*
- *Devot kbir ta' l-Ewkaristija u ta' San Filep;*
- *Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira għal ħafna snin.*

Dun Anton kien sar prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, wara li kien miet Dun Tumas Ebejer. Għalih żmien ir-Randan kien mistenni minn sena għal oħra, u iżjed minn hekk, il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kien iħobbha mmens. Tant hu hekk li tul il-prokura tiegħu rrestawra jew bidel numru ta' statwi. Beda biex bidel il-Veronika, għamel xi xogħol fuq il-figuri tal-Vara l-Kbira u bidel il-vara ta' Kristu ġewwa l-Ort. Ħa ħsieb ukoll iġib minn Spanja l-istatwa tar-Rendentur u l-istatwa ta' Kristu Mejjet minn Lecce. L-aħħar vara li ħa ħsieb jagħmel kienet l-istatwa ta' Kristu, Pietru u Ġuda.

Dun Anton, kultant kien jiġi kkritikat għax dam ħafna jaħsibha biex jaċċetta li jiżdiedu persunaġġi u suldati Rumani fil-purċissjoni. Meta ra b'għajnejh kemm irnexxew, hu kien aċċettahom bil-ferħ. Hu kien ħa ħsieb ukoll jordna l-bandalori rrakkmati bid-deheb tas-seba' kelmiet.

Fi żmien is-saċerdozju tiegħu fil-parroċċa kienet teżisti l-kariga ta' Sagristan Maġġur. Dun Anton daħal għal dan ix-xogħol tista' tgħid hekk kif sar qassis. Kien jara li s-sagristani lajċi jwettqu xogħolhom sewwa. Kien responsabbli miċ-ċwievet u l-imfietaħ ta' l-armarji u l-kaxxarezzi tal-knisja. Ħaġa mistennija kienet tkun nhar il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Filep min-niċċa. Dun Anton kien jiftaħ bil-muftieħ in-niċċa biex tkun tista' tinġibed il-bradella 'l barra bl-istatwa ta' San Filep. Kien fid-dmir li jara li l-altar ma jkun nieqes minn xejn. It-tqarbin kien responsabbli għalih hu wkoll, fi żmien meta filgħodu kien isir ħafna quddies. Lil Dun Anton kont issibu dejjem hemm iqarben jew jipprepara l-ostji ġewwa l-pissidijiet ħalli dawn ma jonqsu qatt. F'kelma waħda, ħajtu kienet il-Parroċċa.

Barra minhekk Dun Anton u l-Prokuratur tal-Festa ta' San Filep

*(ikompli f'paġna 37)*

# TANTI

## IRONMONGERY
## &
## HOUSEHOLD GOODS

F. Caruana Dingli Street, Żebbuġ ZBG 04
Tel: 464329

*Visit our stores for all kinds of paints, electrical fittings, water tanks, drainage fittings, stock holds of building material, geysers, power tools, hand tools, glass and key*

**HIRE OF JIGGER & MIXER, GENERATOR, BAYERN & POWERFLOAT**

kienu jaħdmu id f'id. Kien iħobb ħafna l-festa ta' San Filep. Il-qassisin ta' żmienu lkoll jgħidu li kien iħabrek ħafna biex jara li l-Knisja ma jkun jonqosha xejn għal matul il-ġranet tal-festa titulari.

Għal dak li għandu x'jaqsam max-xogħol spiritwali, barra mill-ħin twil iqarben kien jgħaddi sigħat twal ukoll iqarar.

Dun Anton kien amministratur tal-Missjoni l-Kbira. Barra li kien responsabbli mid-dħul u l-ħruġ finanzjarju u tal-beni tal-Missjoni, kien imur jippriedka u jqarar fi bliet u rħula ta' dawn il-gżejjer. Kellu dedikazzjoni kbira għal din il-Missjoni, fejn wettaq ħafna xogħol b'sagrifiċċju għalih personali għax niftakruli dan kien jagħmlu barra mir-responsabbiltajiet tiegħu ta' kuljum fil-parroċċa tagħna.

Kien jieħu ħsieb il-knejjes żgħar ta' l-Anġli u dik tal-Lunzjata. Għall-knisja tal-Lunzjata kien ħa ħsieb jordna u jġib is-sett qniepen sbieħ li għadhom jitgawdew sa llum mill-kampnar ta' din il-knisja.

Barra minn hekk bħala prokuratur ta' l-Erwieħ ħadem ħafna biex jara ċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Sciortino jieħu aspett isbaħ billi żied ħafna oqbra ġodda u reġa' bena mill-ġdid il-kappella.

Dun Anton twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1 ta' Mejju 1902. Tgħammed nhar it-3 ta' Mejju fil-knisja ta' San Filep u miet nhar il-25 ta' Jannar 1974. Fil-funeral tiegħu deher li kien saċerdot maħbub minn kulħadd. Folla kbira tatu l-aħħar tislima.

Dun Anton kellu żewġ ħutu oħra, Filippa li baqgħet xebba u Pietru Pawl li kien sar tabib, iżżewweġ u mar joqgħod ġewwa Ħal Lija. Bejn l-1922 u l-1929 it-tabib Pietru Pawl Galea kien President tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep. ■


# SUNNY GATT

*Għal tqegħid ta' madum taċ-ċeramika ta' l-art u tal-ħajt, madum tas-'cement' u turġien bil-madum taċ-ċeramika*

"Vicsun House"
St Roque Street
Żebbuġ

Tel: 467753
Mob: 097 0180

# BRIAN'S TYRE SERVICE LTD

*For all kinds of Tyres,*
*Alloy Wheels & Batteries*

**Towing Service Available**

*Don't Forget*

**Brian's Tyre Service Ltd**
**Mdina Road, Żebbuġ ZBG 05**
**Tel: 461067  Mobile: 099 8336**

# *Vanity Fare*



Beauty Care

Baby Products

41, Bishop Caruana Street, Żebbuġ.  *Tel: 463813*

# ONYX

## *Jewellers*

**232, Żabbar Road, Paola**
**Tel: 673286**

# JADE

**Jewellers**
**Main Street, Żebbuġ**
**Tel: 463833**

Gold - Silver - Diamond Rings
Silverware



# ŻEBBUĠ VIDEO RENTALS

***40, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Tel: 468835***

# DISNEY HOME VIDEO

***Pjazza 7 ta' Ġunju, Ħamrun Tel: 234951***

***Il-ħanut ideali għall-Films***
***Oriġinali u New Releases***

• Radios • Stereos • Video Rec. • T.V. • Micro-Genius
• Toys • Cards • Videos Stereo • Home Cinema Surround
• Playstation • Playstation Games

**Nagħmlu photocopies tal-kulur • Nikru DVD's Latest Releases**

*A Wide Selection Of Photo Albums and Cameras*
*Photographic Goods,*
*Same Day Service for Developing and Printing Of All Kind Of Films*
*Instantly Reproduction*
*Recording of Dvd's, Games, Audio Cd's And All Kind Of Cd-Rom's…etc…*
*Original Play Station and Psx Games*
*Fax & E-Mail Service (Sending & Receiving) With The Best Rates*

*PHOTO AND VIDEO TAKEN ON ALL OCCASIONS*

***Sciortino Street, Żebbuġ***
***Tel & Fax: 466076 Mob: 0942 3809***
***e-mail: mouhsine@orbit.net/mt***

**KING CONFECTIONERY LTD**

Caterers for all functions

Mdina Road, Żebbuġ Malta
Tel/Fax: 460523

# ŻMIEN IL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Hemm ċertu żminijiet matul is-sena li aktar minn żminijiet oħra jiġbdu l-attenzjoni ta' ħafna minna. Ngħidu aħna ż-żmien tal-Milied, iż-żmien tal-festa tal-qaddis tar-raħal. Iż-żmien ta' l-Għid huwa wkoll wieħed minn dawn iż-żminijiet u jekk fi żmien il-Milied it-triqat u l-pjazez jiżżejnu bi dwal sbieħ ġimgħat qabel hekk ukoll il-ġimgħat tar-Randan iħejjuna b'dawl spiritwali għall-misteru kbir ta' l-Għid li jiġbor fih il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu li jsibu l-qofol tagħhom fil-Qawmien glorjuż tiegħu.

L-atmosfera li tinħass qabel din il-Festa hija waħda unika u tinħoloq b'ħafna modi, għax ħafna jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tas-Salib fl-Erbgħa tar-Rmied, bl-istatwa tar-Redentur u b'mod speċjali b'dik tal-Madonna Addolorata li tiġbed eluf ta' nies minn kull xaqliba tar-raħal. Il-purċissjoni bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira hija magħrufa biżżejjed: għaliha jattendu nies minn kullimkien.

Hemm ukoll ħaġa oħra li żiedet din l-atmosfera f'dawn l-aħħar snin. Infatti l-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Każin Banda San Filep qiegħda dejjem tissebbaħ u titkabbar. Din il-wirja flimkien ma' wirjiet oħra bħalha li jsiru fil-parroċċa tagħna huma element qawwi li jżid din l-atmosfera: biżżejjed nirriflettu fuq l-għadd kbir ta' nies li jżuruhom u dan mhux biss il-Ġimgħa fil-għodu imma anke fil-ġranet ta' qabel.

Huma inizjattivi ta' min jinkoraġġihom għax minkejja li l-ħajja qiegħda ssir dejjem aktar mgħaġġla, in-nies issib ħin biex iżżurhom u tirrifletti fuq il-messaġġ tagħhom.

Il-Każin San Filep għall-ħames sena se jtella' wirja grandjuża u mpressjonanti. Tiġbor fiha tliet swali: dik taċ-Ċenaklu li turi lil Ġesù fl-aħħar ikla awl-il-lejl qabel ma miet ma' l-appostli tiegħu. Hemm is-sala tal-Via Crucis li b'sett ta' vari żgħar ifakkru l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù. Hemm muri sepulkru mmudellat fuq dak tal-Kattidral ta' l-Imdina, kif ukoll Via Sagra, bandalori u ornamenti oħra. Din is-sena f'sala oħra se terġa' tintrama x-xena tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota, xogħol ieħor ta' Alfred Camilleri Cauchi.

**Dun Karm Gatt**
*Direttur Spiritwali*

# Secucare

INSURANCE & TRAVEL

*For your Security and Care*

- Motor Vehicle Insurance
- Life & Family Insurance
- Domestic House & Contents Insurance
- Marine Hull & Cargo Insurance
- Travel Insurance
- Industrial & Commercial Insurances
- Construction Insurance
- Liability Insurance
- Air & Sea Fares
- Weekend Breaks
- Tours
- Honeymoons
- Business Travel

*Head Office:*
82 Psaila Street, Birkirkara BKR 02 Malta.
Tel/Fax: (356) 447096

*Branch Office:*
46 Gate Avenue, Żebbuġ ZBG 03.
Tel: (+356) 461136

# J G

## GAUCI TAL-LINEF

28, Triq il-Wied, Birkirkara
Tel: 443760

Office & Stores – Zebbug
Tel: 461854

***Għal linef, brazzi, ċeramika u affarijiet oħra għad-dar bl-aħjar prezzijiet, Gauci tal-Linef ta' Birkirkara huwa l-post ideali għalikom.***

Il-ħanut ta' Gauci ta' Birkirkara m'għandu ebda konnessjoni ma' ħwienet oħra.

# Body Care

**Josephine Azzopardi I.B.Th**
89, Mula Road, Żebbuġ
Tel: 466895/461499 Mobile: 097 8661

**The Latest Technology Machine Next to Surgery:**

- Bust Lifting
- Cellulite Treatment
- Water Retention
- Relaxation Treatment
- Face Lifting
- Acne
- Waxing
- Eyebrow Shaping
- Pedicure
- Manicure
- Make-up
- Facials
- CRYO and Thermotherapy
- Painless Epilation

**Also Head-Dresses, Bouquets and Souvenirs for Weddings and Holy Communion**

# Pace Fire Prevention

**SUPPLY, INSTALLATION & SERVICE OF FIRE FIGHTING & FIRE DETECTION EQUIPMENT**

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 444924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

# PARAMOUNT GARAGES

**257, CONSTITUTION STREET**
**MOSTA**

**MALTA'S LARGEST BUS HIRE FLEET**
**INCLUDING MINI BUSES**
**& CHAUFFEUR DRIVEN CARS.**

## GENERAL HIRE SERVICES

**TEL: 43 20 01 - 41 02 20 - 41 11 93**
**FAX: 41 21 87**

middle sea colour
back page

*Issetjat u Stampat:* Bestprint Ltd, Qrendi